C/2026/2819

21.5.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12294 – VAN LANSCHOT KEMPEN / KBC SECURITIES / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/2819)

1. Fil-11 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Van Lanschot Kempen N.V. ("VLK", in-Netherlands), elenkata fuq Euronext Amsterdam;

— KBC Securities NV ("KBCS", il-Belġju), ikkontrollata minn KBC Bank NV, li hija kkontrollata minn KBC Group NV, li hija elenkata fuq Euronext Brussels.

VLK u KBCS se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' impriża konġunta ġdida ("JV", in-Netherlands), li se tikkombina l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet tas-swieq tal-kapital ta' ekwità u l-bejgħ ta' ekwità, in-negozjar u l-attivitajiet ta' riċerka ta' VLK u KBCS li kienu jeżistu qabel.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— VLK hija maniġer tal-ġid speċjalizzata fis-servizzi bankarji privati, fl-immaniġġjar tal-investiment u fil-bank tal-investiment (inklużi s-servizzi finanzjarji korporattivi u s-servizzi attwali ta' VLK fis-settur tas-swieq ta' kapital ta' ekwità, tal-bejgħ tal-ekwità, tan-negozjar, u s-servizzi ta' riċerka dwar l-ekwità),

— KBCS hija fornitur ta' servizzi finanzjarji attiv fil-finanzjament korporattiv, il-finanzjament tal-akkwiżizzjonijiet, is-swieq tas-self u tad-dejn, is-servizzi ta' investiment, is-servizzi ta' ekwità, il-finanzjament tal-esportazzjoni u l-finanzjament tal-proġetti. KBCS tagħmel parti mill-Grupp KBC, assiguratur bankarju Belġjan.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' JV huma li ġejjin:

il-forniment ta' servizzi ta' swieq tal-kapital ta' ekwità, bejgħ ta' ekwità u servizzi ta' negozjar u servizzi ta' riċerka dwar l-ekwità.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12294 — VAN LANSCHOT KEMPEN / KBC SECURITIES / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË